# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 8 ta' Mejju 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 143 /2025 JPG**
**Kawza nru.: 26**

**NF u MS**
**Vs**
**X**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 20 ta' Marzu 2025, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet zzewgu nhar it-tnejn u ghoxrin ta' Settembru tas*-*sena elfejn u sitta (22-09-2006) fil-knisja ta' Hal Ghaxaq liema żwieġ gie insinwat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin*-*numru progessive elf seba' mija u sebghin żbarra elfejn u sitta (1770/2006) u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz*-*zwieg hawn anness u mmarkat bhala '***Dok A***;*

2. *Illi miz-zwieg ma twieldux tfal;*

3. *Illi l-partijiet isseparaw bonarjament permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat bonarjament fit-8 ta' Mejju 2015 in forza ta' kuntratt ippublikat minn Nutar Mary Grech Pace kopja ta' liema qieghda tiġi hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dok B***

4. *Illi ai termini tal-klawsola numru erbgha (4) tal-imsemmi ftehim, l-partijiet irrinunzjaw definittivament u rrevokabilment ghad-dritt reċiproku ta' manteniment;*

5. *Illi r-rekwiziti ghall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66B tal- Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, huma sodisfatti stante:*

   i. *Illi l-partijiet sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat it-8 ta' Mejju 2015;*
   ii. *Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ghal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet li, llum il-gurnata, qeghdin jghixu hajja totalment separata minn xulxin;*
   iii. *Illi ai termini tal-klawzola numru erba' (4) tal-fuq imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, l-partijiet irrinunzjaw ghall-obbligu tal-manteniment reċiproku u, ghalhekk, l-ebda manteniment m'hu dovut f'dan ir-rigward;*

6. *Illi dawn il-fatti huma debitament ikkonfermati fl-affidavits hawn annessi u mmarkati bhala '**Dok C'** u '**Dok D'.***

7. *Illi ghall-finijiet tal-Artikolu 66N (1) (a) u (b) qieghed jiġi rilevat li l-partijiet huma domiciljati f' Malta u ghandhom ir-residenza taghhom f'Malta;*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun a tenur tal-Artikolu 66A et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:*

1. *Tippronunzja l-hall ta' żwieġ li gie celebrat mill-partijiet tnejn u ghoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u sitta (22-09-2006) fil-knisja ta' Hal Ghaxaq;*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghaldaqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju u l-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Registru Pubbliku ;*

*U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Qorti jidrilha xierqa u opportuni.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**NF xehed** (vide affidavit fol 14) illi l-partijiet izzewgu nhar it-22 ta' Settembru tas-sena 2006. Minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied. Xehed illi l-partijiet sseparaw bonarjament permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar it-8 ta' Mejju 2015 fl-atti tan-Nutar Dr Mary Grech Pace. Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll li ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**MS xehdet** (vide affidavit fol 15) u kkonfermat u korroborat ix-xhieda ta' zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti***

*tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-22 ta' Settembru 2006 liema zwieg jgib certifikat numru 1770/2006 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Jirrizulta li l-partijiet ma kellhomx ulied.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw bonarjament permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Mary Grech Pace nhar it-8 ta' Mejju 2015 (Vide fol 5 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1770/2006 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**